

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: ZAO Korporaciya "Masternet" (Moska, ir-Russja) (rappreżentant: N. Bürglen, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-4 ta' Marzu 2013 (Każ R 2196/2011-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn ZAO Korporaciya "Masternet" u Stayer Ibérica, SA.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-4 ta' Marzu 2013, (Każ R 2196/2011-2) hija annullata sa fejn hija ddikjarat l-invalidità tat-trade mark Komunitarja figurattiva STAYER għat-"Tagħmir u għodod; partijiet ta' magni għall-qtugħ u għall-ippolixxjar tad-djamanti; partijiet u roti għall-qtugħ għall-industriji li ġejjin; irħam; granit; ġebel; tafal; ċangaturi; madum u brikk, u b'mod ġenerali, għodod għall-qtugħ bħala partijiet minn tagħmir inkluż fil-Klassi 7", li jaqgħu taħt il-Klassi 7, kif ukoll għall-"oġġetti għall-brix li jistgħu jinżammu fl-idejn (roti u roti għat-tisnin)", li jaqgħu taħt il-Klassi 8.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) L-UASI, Stayer Ibérica, SA u ZAO Korporaciya "Masternet" għandhom ibatu, kull wieħed, l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(¹) ĠU C 207, 20.7.2013.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ġunju 2015 – Versorgungswerk der Zahnärztekammer Schleswig-Holstein vs BĊE

(Kawża T-376/13) (¹)

("Access għal dokumenti — Deċiżjoni 2004/258/KE — Ftehim ta' skambju tal-15 ta' Frar 2012 bejn il-Greċja u l-BĊE u banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema — Annessi A u B — Rifjut parzjali ta' aċċess — Interess pubbliku — Politika monetarja tal-Unjoni u ta' Stat Membru — Sitwazzjoni finanzjarja tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema — Stabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Unjoni")

(2015/C 236/45)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Versorgungswerk der Zahnärztekammer Schleswig-Holstein (Kiel, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Hoepner u D. Unrau, avukati)

Konvenut: Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (rappreżentanti: A. Sáinz de Vicuña Barroso, S. Lambrinoc u K. Laurinavičius, aġenti, assistiti minn H.-G. Kamann u P. Gey, avukati)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-BĊE, tat-22 ta' Mejju 2013, ikkomunikata lir-rikorrenti b'ittra tal-president ta' dan, li tiċħad parzjalment talba ta' aċċess għall-Annessi A u B tal-“Exchange agreement dated 15 February 2012 among the Hellenic Republic and the European Central Bank and the Eurosystem NCBs listed herein” (ftehim ta' skambju tal-15 ta' Frar 2012 bejn ir-Repubblika Ellenika u l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema li huwa jelenka).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Il-Versorgungswerk der Zahnärztekammer Schleswig-Holstein hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 260, 7.9.2013.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 3 ta' Ġunju 2015 – Bora Creations vs UASI – Beauté prestige international (essence)

(Kawża T-448/13) (¹)

["Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja verbali essence — Raġunijiet assoluti għal riġfud — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009"]

(2015/C 236/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Bora Creations, SL (Ceuta, Spanja) (rappreżentanti: R. Lange, G. Hild u C Pape, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Beauté prestige international (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: T. de Haan u P. Péters, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI tas-6 ta' Ġunju 2013 (każ R 1085/2012-5), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Beauté prestige international u Bora Creations, SL.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Bora Creations, SL hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 304, 19.10.2013